MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2011

Appell Kriminali Numru. 523/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**AB**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra AB talli f'dawn il-Gzejjer, f'tas-Sliema, fix-xahar ta' Awissu 2004:

a) kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha;

b) fl-istess cirkostanzi biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha;

c) biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

d) fl-istess cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Novembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi AB hati skond l-akkuza, b'assorbiment ai fini ta' piena ta' l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet fit-tieni (2) imputazzjoni li hija dik principali, cioe` traffikar tal-pjanta *cannabis* u, wara li rat l-artikoli 8(e)(d)(b)(a), 22(1)(a)(1B) u 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 37 u 31(1)(b)(xiii)(xiv) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkundannat lill-istess AB ghal xahrejn prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' erba' mija hamsa u sittin euro punt sebgha u tmenin centezmu (€465.87) li ghandhom jithallsu b'rati mensili fi zmien sitt (6) xhur;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' AB ipprezentat fit-3 ta' Dicembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn huwa gie misjub hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, thassar dik il-parti fejn gie kkkundannat ghall-piena ta' xahrejn prigunerija u multa ta' erba' mija hamsa u sittin euro punt sebgha u tmenin centezmu (€465.87) u minflok tinfliggi piena fil-minimu assolut permess mil-ligi;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-10 ta' Dicembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil AB hati skond l-akkuza b'assorbiment ta' l-ewwel (1), it-tielet (3), u r-raba' (4) imputazzjonijiet fit-tieni (2) imputazzjon izda thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn infliggiet il-piena ta' xaharejn prigunerija u multa ta' erba' mija hamsa u sittin euro punt sebgha u tmenin centezmu (€465.87), u minflok tinfliggi fil-konfront ta' l-imsemmi AB il-piena idoneja u gusta skond il-ligi;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant AB esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Kemm l-appell ta' AB kif ukoll dak ta' l-Avukat Generali jirrigwardaw il-piena. Filwaqt illi AB jghid illi l-piena hi eccessiva, l-Avukat Generali jsostni li l-piena nflitta ma taqax fil-parametri tal-ligi u ma tirriflettix ir-reat li l-imsemmi AB instab hati tieghu.

**7.** Da parti tieghu l-Avukat Generali jsostni – u dan huwa l-punt principali li fuqu l-Avukat Generali qieghed isejjes l-appell tieghu – li l-piena ma taqax fil-parametri tal-ligi, u kellha necessarjament tkun ta' tliet xhur prigunerija u mhux ta' xahrejn. F'dar-rigward l-Avukat Generali jirreferi ghall-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, invokat fis-sentenza appellata, li jipprovdi ghal piena ta' prigunerija ghal mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux anqas minn €465.87 izda mhux izjed minn €11,646.87. L-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll invokat fis-sentenza appellata, jipprovdi illi jekk il-hati jkun ghalaq l-erbatax-il sena izda ma jkunx ghalaq tmintax-il sena, il-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. L-ewwel Qorti ddecidiet li tnaqqas il-piena bi grad wiehed. Skond l-iskala tal-pieni, u senjatament l-artikoli 31(1)(b)(xiii) u 31(1)(b)(xiv) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll invokati mill-ewwel Qorti, meta l-massimu ta' grad xiii, u cioe` sitt xhur, jitnizzel bi grad ghal grad iv, allura s-sitt xhur jinzlu ghal tliet xhur, u cioe` l-massimu ta' grad xiv. Skond l-Avukat Generali, meta l-Qorti tinzel taht il-minimu bi grad wiehed, ghandu japplika l-massimu tal-grad sussegwenti.

**8.** Din il-Qorti ma taqbilx mar-ragunar ta' l-Avukat Generali. Il-piena ta' prigunerija applikabbli ghar-reat ta' traffikar huwa ta' mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin. Mela jekk dawk il-parametri ta' piena jonqsu bi grad, dawn jinzlu ghal **perijodu** ta' mhux inqas minn xahrejn izda mhux izjed minn disa' snin, dan ghax il-minimu ta' sitt xhur jidhol fit-tnax-il grad filwaqt illi l-massimu ta' ghaxar snin jidhol fit-tielet grad. Il-minimu

jinzel ghall-minimu fil-grad sussegwenti bhalma l-massimu jinzel ghall-massimu fil-grad sussegwenti. Minimu ma jistax f'daqqa wahda jsir massimu kif jippretendi l-Avukat Generali.

**9.** L-Avukat Generali jghid ukoll li minkejja li l-ispacc ta' droga kien wiehed *de minimis*, jibqa' l-fatt li hawn si tratta ta' kaz ta' traffikar ta' droga u m'ghandux jittiehed b'leggerezza. Mill-banda l-ohra, skond AB, il-piena hi eccessiva meta jitqiesu ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u partikolarment l-ammont ta' droga nvoluta, l-eta` tieghu, it-tip ta' droga traffikata u l-mod kif giet fornuta, it-trapass taz-zmien bejn l-akkadut u d-data tas-sentenza, il-fatt illi b'applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-piena minima li setghet legalment tigi mposta kienet ferm anqas minn dik erogata, u l-andament tieghu tul iz-zmien li l-kawza kienet pendenti.

**10.** Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qieset li dan kien kaz ta' traffikar ta' entita` zghira, bi gwadann ta' Lm2 minn tifel ta' sittax-il sena u stqarret li **"jkun ghaqli illi l-piena titnaqqas bi grad wiehed"**. Jigifieri l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni kemm l-entita` tad-droga kif ukoll l-eta` ta' l-appellant meta sehh ir-reat. Dwar it-tip ta' droga nvoluta, din il-Qorti tirreferi ghal dak li gie deciz fl-appell kriminali superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Mohamed Mohamed Abusetta** deciz fl-4 ta' Dicembru 2003:

**"Din il-Qorti taqbel li l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn medicina perikoluza u ohra u li l-margini ta' piena hi l-istess ghall-medicini perikoluzi kollha. Ghall-finijiet ta' piena huwa maghruf ukoll li l-Qrati taghna jaghtu konsiderazzjoni ghal aspetti bhalma huma l-kwantita` involuta u l-purezza tad-droga in kwistjoni. Kuntrarjament ghal dak li sostniet id-difiza pero`, galadarba l-*cannabis* huwa trattat mil-ligi <u>bl-istess mod</u> bhall-medicini perikoluzi l-ohra, ma jistax jinghad li mhijiex fl-istess klassi ta' drogi ohrajn. Taht is-sistema legali taghna, klassi wahda ta' medicini perikoluzi tezisti fil-Kap 101. U jekk id-difiza ghandha xi dubju dwar il-perikolozita` o meno tal-*cannabis*,**

**bizzejjed issir riferenza ghal studji u rapporti innumerevoli li jikkonfermaw il-problemi fizici, mentali, psikologici, medici u socjali assocjati ma' l-uzu tal-*cannabis*[1] u li jwasslu lil din il-Qorti tirrespingi l-aspettattiva tad-difiza li l-Qorti ddahhal kuncett iehor fil-konsiderazzjonijiet dwar il-piena, dak ta' distinzjoni bejn gradi ta' perikolozita` bejn sustanza u ohra."**

Dwar it-trapass taz-zmien bejn l-akkadut u d-data tas-sentenza jirrizulta mill-process illi saru numru ta' differimenti inutilment fl-istadju tal-prosekuzzjoni – uhud fuq talba tal-prosekuzzjoni, uhud ghax ma deherx l-appellant. Dwar din il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et** moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002 qalet hekk:

**"Issa apparti li kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: Ir-Republika ta' Malta vs Joseph Attard (24.7.2000) u Ir-Republika ta' Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000)).**

**Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza 'Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi' (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-**

---

[1] Ara fost ohrajn: Rapport tar-*Royal College of Physicians and the Royal College of Psychiatrists* intitolat *Drugs, Dilemmas and Choices, London 2000*; Rapport tal-*American Academy of Pediatrics* intitolat *Marijuana: A Continuing Concern for Pediatricians, Pediatrics 1999*; Studju minn Trimboli u Coumarelos intitolat *Cannabis and Crime, New South Wales Bureau of Crime Statistics and Research, Publication No. 41, December 1998*.

**ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."**

A bazi ta' dak li diga` ntqal, ma jirrizultax illi hemm lok ta' tnaqqis semplicement minhabba t-trapass taz-zmien. Mill-banda l-ohra, fattur illi jista' jittiehed in konsiderazzjoni huwa li matul iz-zmien li l-kawza ilha pendenti ma jirrizultax illi l-appellant kellu skontri ohra mal-gustizzja. Mill-fedina penali aggornata tieghu difatti jirrizulta li huwa nghata sentenza sospiza ta' prigunerija fis-6 ta' Lulju 2006 dwar kaz li kien sehh fit-8 ta' Novembru 2003, kwazi sena qabel il-kaz odjern. Altrimenti l-fedina penali tieghu – tul il-perkors ta' kwazi seba' snin – hija netta.

**11.** Din il-Qorti inoltre nnutat illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-erba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qalet li l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet kienu assorbiti fit-tieni imputazzjoni ai fini ta' piena. Issa, din il-Qorti ezaminat il-provi u minnhom jirrizulta biss li l-appellant kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-cannabis u biegh bicca minnha ghal zewg liri Maltin (Lm2). Minn imkien ma jirrizulta illi huwa kellu fil-pussess tieghu u biegh il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha. Ghalhekk proprjament kellu jigi illiberat mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u jinstab hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet bl-assorbiment tar-raba' fit-tielet imputazzjoni. Naturalment, peress illi ma sar ebda appell fuq dan il-punt, din il-Qorti ma tistax tbiddel is-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti u l-piena tibqa' xorta fl-istess parametri. Izda certament hemm differenza bejn li persuna tinsab hatja ta' pussess u traffikar ta' tip wiehed ta' droga u li tinsab hatja ta' pussess u traffikar ta' zewg tipi ta' droga.

**12.** Huwa minnu li t-traffikar ta' droga huwa reat serju hafna, izda wiehed irid f'kull kaz jiehu in konsiderazzjoni c-

cirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz. Mela hawn ghandna kaz ta' tfajjel ta' sittax-il sena li biegh bicca raza minn dik li kellu ghal Lm2 – din l-unika prova li saret – izda li minn mindu sehh il-kaz baqa' b'fedina penali netta bl-ghajnuna wkoll tal-genituri tieghu. Piena ta' prigunerija hi tassattiva. Izda huwa opportun li jirritorna lura ghan-normalita` malajr kemm jista' jkun. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ghandu jibbenefika minn tnaqqis ta' zewg gradi a tenur ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt illi tichad l-appell ta' l-Avukat Generali, tilqa' in parti l-appell ta' AB billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-istess AB xahrejn prigunerija u minflok tikkundannah xahar prigunerija, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin illi l-imsemmi AB ghandu jitqies bhala **persuna vulnerabbli**. Finalment, peress illi meta sehh il-kaz l-istess AB kellu biss sittax-il sena, tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' ismu fuq l-*internet* u fil-*media* kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------